

Kitba ta' Carmel Vella



# L-Inkwiżizzjoni f'Malta

## *Xi Siġġiewin mixlija quddiem l-Inkwiżitur*

Nibda biex ngħid li f'Malta kont issib xi forma ta' Inkwiżizzjoni tal-Knisja sa mill-ibgħad snin tal Medju Evu. Iżda f'din il-kitba bi ħsiebni nitkellem biss dwar l-Inkwiżizzjoni Rumana, jiġifieri s-Sant'Uffizzju, li ħareġ mill-Konċilju ta' Trento (1545-1560) bl-iskop li jeqred l-ereżija u d-duttrina qarrieqa minn fost is-soċjetà nisranija.

### L-ewwel Inkwiżituri u Monsinjur Dusina

It-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni twaqqaf ġewwa Malta f'Ottubru 1561, meta l-Papa Pawlu IV ħatar lill-Isqof Domenico Cubelles bħala Inkwiżitur. Iżda ġara li l-assedju tat-Torok fl-1565 u l-mewt tal-isqof sena wara temmew ħesrem il-ħidma ta' dan it-Trubunal sa s-sena 1573. F'dik is-sena il Prelat Martino Royas ġie maħtur isqof ġdid għal Malta, bl-inkarigu li jservi wkoll bħala Inkwiżitur. Imma, imħabba inkwiet serju li kien jeżisti bejn il Gran Mastru La Cassière u xi Kavallieri, l-isqof Royas ma sataghx jaqdi dmiru kif jixraq bħala Inkwiżitur; tant li kellu jindaħal fin-nofs il-Papa Gregorju XIII billi bagħat f'Malta lill-Mgr Pietro Dusina bħala Delegat Appostoliku u kap tas-Sant'Uffizzju biex, fost ħwejjeġ oħra, jagħmel ħiltu u jġib fi tmiemu l-għelt fost il-membri tal-Ordni. Għaldaqstant, Mgr Pietro Dusina huwa meqjus bħala l-ewwel Inkwiżitur proprju fid-djoċesi tal-Gżejjer Maltin.

Mgr Dusina wasal f'Malta f'Awwissu 1574 u għall-ewwel ftit jiem mar joqgħod f'dar ġewwa l-Belt Valletta – il belt il-ġdida li kienet għadha qed tinbena. Imma, imħabba ċerti nuqqasijiet, ma damx ma sab post aħjar ġewwa l-Birgu, fil-kunvent tal-Patrijiet Dumnikani. Tlettax-il sena wara, L-Inkwizitur u t-Tribunal sabu posthom għal kollox fil-Palazz tal-Kanċillerija, dak li sallum baqa' magħruf bħala l-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu.

### Dmir l-Inkwiżitur

L-Inkwiżitur kien mistenni li jagħmel ħiltu biex iħares b'kull mezz il-fidi nisranija. L-akbar reat ta' min kien jidher quddiemu kien li dak il-miskin ikun tbiegħed mit-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

Il-poplu nisrani kien fid-dmir u mistenni li jwassal quddiem l-Inkwiżitur kull kas ta' ereżija li jsir jaf bih. Dak id-dmir kien impost b'tant forza, li dawk li jsiru jafu b'xi nuqqasijiet dwar it-twemmin Nisrani kienu moralment marbuta li jakkużaw lil min jonqos u jwassluh quddiem it-Tribunal, ukoll jekk ikun ħabib jew xi ħadd tal-familja. Nies li kienu jmorru jqerru dnubiethom fil-knisja, kienu spiss jiġu mwissija mill-konfessur biex imorru minn rajhom jistqarru għemilhom fil-qorti tal-Inkwiżizzjoni. Dawk in-nies twajba kienu jinħakmu mill-biża' u ma kinux jibqgħu lura.

### Quddiem it-Tribunal

Waqt il-proċess quddiem l-Inkwiżitur, l-akkużat ma kienx ikun jaf min xlieh, ukoll jekk

l-akkuża ma tkunx imsejsa ħlief fuq suspett. Kienu jkunu biss każijiet rari meta kien jitressaq xhud biex jiffaċċja lill-akkużat. F'ċerti proċessi, l-aktar dawk ta' Misilmin, meta l-istqarrija tal-mixli ma' tkunx ċara, kienet tintuża t-tortura biex forsi toħroġ il-verità. Imma hawn, ta min jgħid, li l-piena tal-mewt għall-ereżija f'Malta ingħatat ftit drabi biss u qatt wara s-Seklu Sittax.

Għal dawk l-akkużi meqjusa żgħar bħal frodi, dagħa u sħarijiet sempliċi, is-sentenzi aktarx kienu jkunu ħfief, l-aktar għall-insara, u kienu jikkonsistu fi ġranet ta' sawm, rużarju u talb, żjajjar f'xi Santwarju u rikors għas-sagramenti. Meta l-akkuża tkun ksur akbar tal-liġi tal-knisja, bħal ma huma ereżiji faħxija u żebliħ tar-reliġjon, dak li jinsab ħati kien jingħata s-swat bil-frosta fil-pubbliku jew jitpoġġa għarrkuptejh ħdejn bieb ta' knisja b'xemgħa f'idu għal ħin twil. Ma kinux jonqsu sentenzi ta' ħabs, multi ta' flus, teħid ta' proprjetà u pieni ta' qdif fuq ix-xwieni tal-Ordni.

L-akkużi li nstemgħu mill-Inkwiżituri f'Malta, fuq medda ta' aktar minn żewġ sekli, kienu jammontaw għal ħafna eluf. Kienu kontra kull xorta ta' nies – Maltin, barranin, lsiera, kavallieri tal-Ordni, membri tal-kleru u saħansitra uffiċjali tal-istess Sant'Uffizzju.

## Siġġiewin li dehru quddiem l-Inkwiżitur

Meta wieħed jifli sewwa id-dokumenti tal-Inkwiżizzjoni isib li l-akkużi ta' nies mis-Siġġiewi huma ftit wisq meta mqabbla ma dawk ta l-irħula qrib tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u Birkirkara. Wieħed forsi jispjiega dan il-fatt li s-Siġġiewi, f'dawk iż-żminijiet, kien mgħammar b'għadd ta' bdiewa sempliċi jgħixu f'ambjent kwiet u bogħod mid-dbaħrit tal-ibliet. L-uniku ħin ħieles li kien ikollhom missirijietna fir-raħal kien waqt il-festi reliġjużi u waqt il-quddies tal-Ħdud u l-festi, fejn kienu jkunu dejjem taħt għajnejn il-kleru li, il-ħin kollu, iwissuhom biex jgħixu ħajja tajba li twassalhom għas-salvazzjoni ta' ruħhom. Fi ftit kliem, dawk l-antenati tagħna ma kinux qrib it-tentazzjonijiet u t-tiġrib tal-ibliet li setgħu iwassluhom għall-inkwiet mal-Knisja. Fil-fatt l-aktar li kienu jidhru quddiem it-Tribunal kien jkunu nies mill-Belt Valletta u mit-tliet ibliet tal-Kottonera.

Mir-reġistri mmermrin miżmuma fl-arkivji tal-Kattidral fl-Imdina, jien irnexxieli nislet għadd żgħir ta' każi dwar reati mwettqa minn missirijietna fis-Siġġiewi. Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn l-offiżi ma kenux ikunu ħlief dnubiet żgħar li kellhom x'jaqsmu ma xi seħer jew xi superstizzjoni – offiżi li lllum aħna aktarx nħarsu lejhom bi tbissima. Aktarx li dawk l-akkużi kienu jispiċċaw mingħajr kastig, jew bi twissija, biex dak li jkun ma jerġax. F'każi ftit aktar serji, l-akkużat kien jinħeles mill-piena billi jintrabat għal erba' snin li jqerr u jitqarben fil-festi l-kbar tal-knisja u jgħid ir-Rużarju kull nhar ta' Sibt.

Ejja naraw għażla ċkejkna minn dawn ir-reati li twettqu mill-antenati tagħna, biex nagħtu ħjiel ta' ħajjet in-nies fis-Siġġiewi ta' dak iż-żmien:

1. ***Magħmul biex teħles minn bintha***: Fit-3 ta' Ottubru 1750 Katrin Borg, mis-Siġġiewi, dehret minn rajha quddiem Paolo Passionei, l-Inkwiżitur ta' dak iż-żmien, u xliet lilha nfisha li għamlet magħmul bil-ħsieb li toqtol lil bintha Marija, mart Albinu Caruana.

Katrin stqarret li Albinu kien spiss jinbixha u jsawwatha għal xejn b'xejn. Hu kien ukoll ta' sikwit jaħqar lil bintha l-oħra, Anna. Hi kienet ċerta li Albinu kien imġiegħel jagħmel hekk minn bintha Marija. Meta ma setgħetx tiflaħ aktar, bdiet taħseb kif ser teħles minn dik bintha. Saret taf b'mara mill-Mandraġġ tal-Belt, jisimha Speranza, li kienet saħħara u taf tħejji il-magħmul.

Katrin marret id-dar tas-saħħara fil-Mandraġġ u ftehmet magħha li tħallasha ħames skudi kapparra ta' magħmul biex toqtol lil bintha u ntrabtet li tħallas tliet skudi oħra jekk

il-magħmul iseħħ sewwa fi żmien għoxrin jum. Speranza tat lil Katrin kus mimli b'taħlita ta' resina u qaltilha tpoġġih fuq l-għatba tad-dar, biex meta Marija tirfes fuqu hi tmut fiż-żmien miftiehem, Katrin ħadet il-mistura u flimkien ma' bintha Anna, għamlet kif qaltilha s-saħħara. Imma l-għoxrin jum għaddew bla ma seħħ xejn u Marija baqgħet kif kienet.

Sadattant, Katrin nidmed minn għemilha u marret għand konfessur li taha parir biex tmur tgħid kollox lill-Inkwiżitur. L-Inkwiżitur Passionei ma tantx kien aħrax magħha. Fis-sentenza tiegħu widdibha biex iżżomm bogħod mis-sħarijiet u, bħala penitenza rabatha li għal sentejn tqerr u titqarben fl-erba' festi kbar tal-Għid-il-Kbir, Għid-il-Ħamsin, L-Assunzjoni ta' Marija u l-Milied u ukoll li tgħid ir-rużarju kull nhar ta' Sibt.

Ma rnexxilix insib x'ġara mid-destin tal-imsejkna Speranza, is-saħħara tal-Belt.



*Il-Palazz tal-Inkwiżitur, fil-Birgu.*

2. ***Rimedju ta' fejqan għal bhejjem***: Fid-19 ta' Mejju 1742, Roża Cutajar, tfajla miżżewġa mis-Siġġiewi, flimkien ma' Anna Debono minn Had-Dingli, kienu mixlija quddiem l-Inkwiżitur Ludovico Gualtieri b'għemejjel ta' seħer. Huma kienu ħejjew taħlita ta' weraq taż-żebbuġ u żejt biex jużawh bħala duwa u, fil-fatt, huma dilku b'dak l-ingwent lil xi bhejjem morda. Waqt li kienu qed jagħmlu hekk, huma bdew ilissnu speċi ta' talb li kienu tgħallmu minn għand mara mill-Belt, jiġifieri: "Tlieta ħarsu lejja u ttawluli mill-ġenb – il-Missier, l-Iben u Ruħ-il-Qodos".

It-Tribunal qies dawk il-kelmiet bħala seħer; iżda meta ż-żewġ tfajliet stqarrew li dak li wettqu kienu għamluh b'fini tajba u bl-ebda ħażen, l-Inkwiżitur ħass li ma jieħux aktar passi u t-tnejn li huma ħelsuha ħafif bi twiddiba li ma jtennux dik il-bluha.

3. ***Qassis mixli li resaq lejn l-ereżija***: Dun Grigor Mamo, qassis xwejjah ta' 84 sena ttella' quddiem l-Inkwiżitur Pier Santo Humano fit-23 ta' Novembru 1575, mixli b'suspett ta' ereżija. Hu kien instema' jgħid li l-qima ta' xbihat tal-qaddisin kienet kollha għalxejn, ix-xemgħa tixgħel quddiem l-istatwi kienet ħela ta' flus li setgħu intefqu għall-foqra, li l-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija kienet taparsi u mhux tassew, li l-indulġenzi tal-knisja ma jiswew xejn għax il-purgatorju ma jeżistix u li t-talb għall-erwieħ kien kollu ħela ta' ħin.

Meta ġie biex iwieġeb u jiddefendi ruħu, Dun Grigor stqarr quddiem it-Tribunal li kien tassew li hu kien jaħsibha hekk meta kien żagħżugħ u kien għadu student. Kompla jgħid li meta kiber, malajr intebaħ kemm kien iblaħ u li kien wettaq żbalji kbar. Fil-fatt kien mar iqerr dawk l-idejat foloz għand il-kappillan tas-Siġġiewi u, wara li nidem sewwa, il-kappillan tah l-assoluzzjoni għal dawk l-għemejjel mistmerra taż-żogħżija.

Wara li ġie mwiddeb sewwa mit-Tribunal, Dun Grigor ċaħad il-ħażen li kien wettaq waqt żogħżitu u ta' kellmtu li qatt u qatt iżjed ma jikkommetti xi nuqqas lejn it-twemmin Kattoliku. Intrabat ukoll li, jekk qatt jerġa' jonqos, hu ikun jisthoqqlu l-kastigi kollha maħsuba għal

dawk li jerġħu jaqgħu fl-ereżija. Wara din il-wegħda solenni l-Inkwiżitur Humano ħafirlu u rabtu taħt ġurament li ma jsemmix aktar il-kas tiegħu.

4. ***Mara ta' fama ħażina***: Marija Psaila, mart Federik, telgħet quddiem l-Inkwiżitur G.F. Gallarati-Scotti, nhar l-20 ta' Ottubru 1785, biex tixli lil Tereża ta' Seba' Rġiel, li kienet toqgħod f'dar maġenbha, fin-naħa l-qadima tas-Siġġiewi. Marija xehdet li hi u omma sabu lil Tereża quddiem id-dar tagħhom taħlef u tgħajjar kemm tiflaħ lil żewġha. Bdiet tgħid u terġa tgħid li ma kienx hemm Alla għax hu ma kienx ġust magħha. Sostniet tgħid Marija li meta omma talbet lil Tereża biex tiskot tidgħi din wieġbet: "Haqq ix-xjaten mur u ħallini, ma rridx niskot jew niċċaqlaq minn hawn".

Bi tweġiba għall-mistoqsija mit-Tribunal, Marija stqarret li n-nies kienu jqisu 'l Tereża bħala mara laxka u ta' fama ħażina. L-Inkwiżitur kiteb dak li qalet Marija u wara widdibha biex iżżomm ħalqa magħluq dwar din l-akkuża.

Jien ma sibt xejn iżjed fuq dan il-kas. Jidher li Tereża ma ssejħitx quddiem it-Tribunal biex twieġeb għall-akkużi tal-ġara tagħha. Hawn ta' min jgħid li meta nstema' dan il-kas kien wasal fi tmiemu s-Seklu Tmintax . L-Inkwiżizzjoni kienet diġà tilfet sniena sewwa tant li, tlettax il-sena wara, din l-istituzzjoni rat tmiema f'Malta, hekk kif il-Franċiżi okkupaw 'l Malta u Napulun ħa f'idejh l-amministrazzjoni tal-pajjiż

5. ***Jilgħab il-flus u jidgħi***: Fuq parir tal-konfessur tiegħu, Ġużeppi Cauchi deher quddiem l-Inkwiżitur Giuglio Carpegna nhar l-1 ta' Ottubru 1792, biex jakkuża 'l Mikiel Farrugia. Cauchi stqarr li waqt li kien fi trieqtu mis-Siġġiewi lejn Ħaż-Żebbuġ ra ċorma ta' sitt irġiel bilqgħeda fuq ġenb it-triq jilgħabu d-dadi. Wieħed minnhom, Mikiel Farruġia, li kellu 'l ommu bil-forn fis-Siġġiewi, tilef il-flus waqt il-logħob u beda jaħlef bil-Madonna, bil-wiċċ ta' Ġesù u bis-Sagramenti Mqaddsa. Hu tenna kemm-il darba dak il-kliem faħxi. Fost il-lagħba l-oħra, Gużeppi qal li għaraf ukoll lil Feliċ, bin il-bejjiegħ tal-laħam, u lil ċertu Lonzu. Sostna ukoll li Mikiel Farrugia hu dgħaj imsemmi li kien dejjem jinfexx jaħlef meta jkun inkurlat.

Feliċ Agius, bin il-biċċier, li kien jaħdem fuq ix-xwieni tal-Ordni, issejjaħ biex jixhed. Qal li waqt li kienu jilagħbu fit-triq ta' Ħaż-Żebbuġ sema' lil Farrugia jitkellem ħażin. Kompla jgħid ukoll li r-raħal kollu jaf li Farrugia kien bniedem xellerat, jilgħab u jidgħi.

Mikiel Farrugia, li kien jgħix fil-forn ta' ommu fil-Kerċeppu, issejjaħ fit-22 ta' Jannar biex iwieġeb għall-akkużi ta' ħalf, kliem ħażin u suspett ta' ereżijaa Hu ammetta l-akkużi kollha kontrih u spiċċa jgħid li jisgħob bih għall-għemil ħażin tiegħu. Irnexxielu jeħlisha ħafif għax hu ġie biss imwissi biex jieqaf minn dik il-ħajja ħażina u jibda jgħix ta' nisrani tajjeb

Ta' minn itenni, li dan il-kas ukoll seħħ ftit xhur qabel Malta waqgħet taħt il-Franċiżi. li allura neħħew għal kollox it-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni. Giuglio Carpegna, fil-fatt, kien l-aħħar Inkwiżitur u f'dawk l-aħħar jiem tal-Ordni, wieħed josserva li l-akkużi kollha quddiemu kienu ttrattati ħafif u b'nofs qalb.



*Il-Palazz tas-Sajf tal-Inkwiżitur ġol-Girgenti.*

6. ***Qassis mixli b'imġieba ħażina***: Fid-29 ta' Jannar 1742, Anna Tanti, armla ta' Dumink, marret minn rajha quddiem l-Inkwiżitur biex tixli lilha nfisha kif ukoll lil Dun Lawrenz Balzan, qassis mis-Siġġiewi. Hija stqarret li Dun Lawrenz kien kuġin tagħha u li, għal tlettax-il sena hija kienet tkun miegħu sikwit u li, għal diversi drabi, hi qagħdet għal għemil żieni tiegħu. Kompliet tgħid li meta, waqt il-qrar, semmiet tali għemil bejna u bejn il-qassis il-konfessur widdibha li hi kienet qegħda tgħix fid-dnub. Hi marret tgħid b'dan lil Dun Lawrenz, imma dan daħak biha u żguraha li ma kien hemm xejn ħażin. Minnufih hi ma baqgħetx aktar tiltaqa' miegħu u ma kien fadal ebda relazzjoni bejniethom.

Xi żmien wara, Anna semgħet 'il-kappillan jgħid waqt il-priedka li għemil ta' dik ix-xorta għandu jkun mgħarraf lill-Inkwiżitur u għalhekk hi ħasset li kellha tersaq minn rajha biex isserraħ il-kuxjenza tagħha.

L-Inkwiżitur Ludovico Gualtieri sema' u għarbel kull ma stqarret ix-xhud imma ebda sentenza jew kastig ma jidhru fil-manuskritt li jittratta dan il-proċess.

7. ***Mixli minn bintu stess***: Marija Curmi, tfajla ta' 18-il sena, fis-7 ta' Jannar 1741, marret quddiem it-Tribunal u xliet 'il missierha, Ġanni Curmi mis-Siġġiewi. Hiha stqarret ma l-Inkwiżitur Gualtieri li tliet ġimgħat ilu missierha kien iddisprat għax ma kellux flus. Kien tah ferħ ta' ġenn u beda jaħlef b'Dak li ħalqu, bil-Ġenna tal-Art u b'San Pietru u l-imfietaħ tiegħu.

Bi tweġiba għall-mistoqsija tat-Tribunal, Marija qalet li meta missierha lissen dak il-kliem hija ma kenitx qribu sewwa u li ommha kienet ukoll ħarġet mill-kamra fejn hu kien f'dak il-ħin. Kompliet tgħid li hi għamlet dik l-akkuża fuq parir tal-konfessur u għax riedet isserraħ 'il kuxjenza.

It-Tribunal ħa nota tal-akkuża u ġiegħel lit-tfajla taħlef li ma ssemmi xejn aktar fuq il-kas. Ebda sentenza jew piena ma tidher imniżżla fl-inkartament tal-proċess.

8. ***Tinbix sesswali***: Fl-ewwel ta' April 1739, Rosa Cilia, tifla taħt l-età, xliet lil Toni Agius, ħaddiem mis-Siġġiewi, li kien ta' spiss isus warajha u jħajjarha għal għemil żieni. Hija qatt ma tat widen għat-tinbix tiegħu imma hu baqa' dejjem jiffittaha f'dik il-linja ħażina.

Peress li hasset fil-kuxienza, Rosa marret qalet kollox lill-konfessur li ġagħla tmur tixli fil-qorti Inkwiżitur lil min ried iwaqqagħha fil-ħażen.

L-Inkwiżitur Gualtieri sema' kull ma kella xi tgħid it-tifla u ordnalha biex ma tġħid lil ħadd bl-akkuża tagħha.

Bħal fil-każi li semmejna qabel ma jidhirx li ttieħdu xi passi kontra l-akkużat Agius.

## Ngħidu tal-aħħar

Apparti l-eżempji li semmejt hawn fuq, jien sibt għadd żgħir ta' każi oħrajn fejn kienu mdeffsin nies mis-Siġġiewi. Il-proċessi li rajt kienu dwar akkużi fuq sħarijiet, abbużi sesswali, suspetti ta' ereżija, rimedji ta'seħer biex itaffu l-uġigħ waqt il-mard u kliem ħażin waqt xi storbju fir-raħal jew waqt mumenti ta' rabja

Din ix-xorta ta' xiljiet quddiem it-Tribunal juru biċ-ċar il-biża, li fih kienet tgħix in-nies taħt l-għassa kontiwa tal- Inkwiżizzjoni , kif ukoll il-ħajja xejn sabiħa ta' missirijietna f'dawk il-jiem mudlama ta' sekli ilu, meta dawk l-awtoritajiet reliġjużi kienu jindaħlulhom f'kull pass li jagħmlu, ukoll fl-għemejjel intimi tagħhom.

*Din il-kitba hija addattata mill-ktieb tiegħi "SIĠĠIEWI – A Profile of History, Social Life and Traditions".*